## 4 ta' Mejju, 1992

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Alfred Piscopo

*versus*

Direttur tas-Servizzi Soċjali

**Kontumaċja – Ġustifikazzjoni tagħha huwa Sentenza u mhux Digriet Interlokutorju – dan jista' jkun irrevokat "*contrario imperio*"**

*Wieħed mill-fatturi li essenzjalment jiddistingwi digriet interlokutorju minn sentenza huwa l-fatt li waqt li digriet interlokutorju jista' jiġi rrevokat "contrario imperio" mill-Qorti li tkun ipproferietu, dan ma jistax isir fil-każ ta' sentenza. Ma jistax ikun hemm dubju li deċiżjoni tal-Qorti ta' prim'istanza li konvenut iġġustifika l-kontumaċja tiegħu hija sentenza u mhux digriet interlokutorju kemm għax tiddeċidi definittivament l-istat tal-konvenut fil-kawża kif ukoll għaliex ma tistax tiġi rrevokata "contrario imperio" mill-istess Qorti li ppronunzjatha.*

Il-Qorti: –

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ta' l-4 ta' Mejju, 1990, li minnha hemm l-appell preżenti u li hija hekk:

*Omissis;*

Illi dan li ġej huwa relatat u limitat għall-punt dwar jekk il-konvenut huwiex ġustifikat li jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu jew inkella le;

Semgħet ix-xhieda tal-konvenut;

Ittrattat il-punt mid-difensuri rispettivi tal-partijiet;

Wara li kkunsidrat li f'din il-kawża jirriżulta li għalkemm saret notifika valida, il-konvenut in effett spiċċa biex qatt ma ngieb a konjizzjoni tal-preżentata taċ-ċitazzjoni jekk mhux **wara** li kien skada t-terminu ta' għoxrin jum (20) impost mil-liġi tal-proċedura għall-preżentata ta' nota ta' eċċezzjoniiet;

Illi huwa minnu li d-deposizzjoni mogħtija mill-konvenut, għalkemm waħda kandida u inekwivoka, ma tantx tagħti impressjoni tajba ta' kompetenza, dixxiplina u effiċjenza fid-Dipartiment tas-Servizzi soċjali, ta' lanqas dik li għandha x'taqsam mar-Reġistru jew ma' min huwa nkarigat mill-atti li jiġu riċevuti minn barra. Il-konvenut ma seta' jgħid xejn bi preċiżjoni dwar din iċ-ċitazzjoni – la min irċeviha, la min ħa ħsieb eventwalment ikellmu dwarha, la min wassalha fl-uffiċċju ta' l-Avukat Ġenerali. In kontro-eżami, il-konvenut ta s-segwenti 'eluċidazzjonijiet' *inter alia* u ċjoè:

"Wara li vverifikjat x'jiġri minnhom atti bħal dawn jiena sibt li l-persuna li tkun addetta hemmhekk jiddeċidi hu lil min jappartjeni dan l-att. Meta saqsejt fuq dan il-każ għall-fini ta' verifika, ma setgħux ikunu ċerti eżattament x'sar. Mingħajr ma

kien hemm timbru xejn apparentement qabdu u bagħtuh is-'*section*' .....'';

''Sal-mument li ntbagħtet għand l-Avukat Ġenerali jiena ċ-ċitazzjoni ma kontx rajtha .....'';

Illi mis-suespost tidher żgur inkompetenza u/jew negliġenza da parti ta' l-addetti tal-konvenut però ma jidhirx li **sal-mument li kien għadu għaddej it-terminu ta' 20 jum kellu xi kontroll jew mezz l-istess konvenut għaliex jirrispondi;**

Issir hawn riferenza għad-deċiżjoni tal-Qorti *ta'* l-Appell fl-ismijiet ''Paul Grixti *vs* Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi'' mogħtija fit-12 ta' Diċembru, 1975 u konfermement – anki b'ċertu ammont ta' riserva u riluttanza – tammetti *lill*-konvenut għall-fini ta' preżentata ta' nota ta' eċċezzjonijiet;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi billi tiddikjara li l-konvenut iġġustifika l-kontumaċja tiegħu u għalhekk tilqa' t-talba tiegħu kontenuta fir-rikors tiegħu datat 14 ta' Frar, 1990, u tagħtih il-fakoltà li jippreżenta tali nota fi żmien għoxrin (20) jum mil-lum b'dana però li **kwalsiasi spejjeż** ġudizzjarji għal dan l-inċident u deċiżjoni jitħallsu mill-konvenut'';

Rat in-nota ta' l-appell ta' Alfred Piscopo ppreżentata fis-7 ta' Mejju, 1990 li biha interpona appell mis-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Alfred Piscopo ppreżentat ukoll

fis-7 ta' Mejju, 1990 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti u tiddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi d-"Direttur tas-Servizzi Soċjali" huwa kontumaċi;

Rat ir-risposta tad-Direttur tas-Sigurtà Soċjali li biha ssottometta li l-appell jimmerita li jiġi miċħud u d-deċiżjoni appellata tiġi kkonfermata;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' risposta ulerjuri tal-konvenut appellat, huwa eċċepixxa n-nullità ta' l-appell odjern billi l-appell kien imissu sar permezz ta' nota ta' appell u ta' petizzjoni kif ordinarjament għandu jsir appell minn sentenza jew digriet definittiv, u mhux permezz ta' rikors sempliċement għaliex is-sentenza appellata tifforma għall-istess Qorti li pproferietha ġudikat u ma tistax tkun irrevokata "*contrario imperio*";

Illi hija din l-eċċezzjoni preliminari li trid tiġi deċiża l-ewwel;

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, anki fuq l-iskorta ta' ġurisprudenza ċentenarja u kostanti li m'għandhiex bżonn tiġi ċċitata wieħed mill-fatturi li essenzjalment jiddistingwi digriet interlokutorju jista' jiġi rrevokat "*contrario imperio*" mill-Qorti li tkun ipproferietu, dan ma jistax isir fil-każ ta' sentenza;

Issa, fil-fehma tagħha, ma jistax ikun hemm dubju li deċiżjoni ta' Qorti tal-prim'istanza li konvenut iġġustifika l-kontumaċja tiegħu hija sentenza u mhux digriet interlokutorju kemm għax tiddeċidi definittivament l-istat tal-konvenut fil-kawża kif ukoll għaliex ma tistax tiġi rrevokata "*contrario imperio*" mill-istess Qorti li ppronunzjatha;

Ġaladarba hu hekk, l-appellant imissu wara n-nota ta' appell tiegħu segwa b'petizzjoni u mhux b'rikors;

Għal dawn il-motivi tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut appellat u konsegwentement tiddikjara l-appell interpost mill-attur bħala rritu u null u għalhekk ma tiħux konjizzjoni tiegħu. L-ispejjeż ta' dan l-appell ikunu a kariku ta' l-appellant. L-atti qed jiġu rinvjati lill-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni.